3.2.2016

B8-0146/2016 }
B8-0169/2016 }
B8-0170/2016 }
B8-0177/2016 }
B8-0178/2016 } RC1/Em. 9

**Emenda 9**
**Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
Is-sitwazzjoni fil-Libja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jirrimarka dwar il-kunflitt ta' interess tal-ex Rappreżentant Speċjali tan-NU Bernardino León; ifakkar li, qabel ma nħatar Rappreżentant Speċjali tan-NU, is-Sur León serva wkoll bħala Rappreżentant Speċjali tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran; jemmen li l-azzjonijiet tiegħu mminaw il-kredibbiltà tan-NU, tal-UE u tal-komunità internazzjonali kollha kemm hi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ biex jidentifikaw mezzi biex tiġi evitata sitwazzjoni simili fil-ġejjieni, fosthom bl-introduzzjoni ta' perjodi ta' preklużjoni stretti; jistieden lill-awtoritajiet rilevanti jwettqu investigazzjoni dwar dan il-każ;*** |

Or. en

3.2.2016

B8-0146/2016 }
B8-0169/2016 }
B8-0170/2016 }
B8-0177/2016 }
B8-0178/2016 } RC1/Em. 10

**Emenda 10**
**Fabio Massimo Castaldo, Ignazio Corrao**
f'isem il-Grupp EFDD

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ECR, ALDE, Verts/ALE**
Is-sitwazzjoni fil-Libja

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Oa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Oa. billi għadd ta' emails mgħoddija bil-moħbi jidhru li juru li l-ex Rappreżentant Speċjali tan-NU għal-Libja, Bernardino León, kien qed jaħdem f'koordinazzjoni mal-Emirati Għarab Magħquda, waħda mill-partijiet involuti fil-Libja, għall-parti l-kbira mill-mandat tiegħu, filwaqt li fl-istess ħin poġġa s-sisien għal pożizzjoni rimunerattiva fl-Emirates Diplomatic Academy;*** |

Or. en